**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Johann Fenech)**

**Vs**

**ERIC ZAMMIT**

**Kump.Nru. 238/2010**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Eric Zammit, detentur tal-karta tal-identita` nru. 223486M** gie akkuzat talli fit-8 ta' Dicembru 2006 ghall-habta tal-17:30hrs fi Triq l-Avjazzjoni Gudja:

1. B'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta'regolamenti, ikkagunajt il-mewt ta' Fadla-Lah Mohammed Ahmed Moh Bahkret mis-Sudan;

2. Soqt motor-car jew vettura ohra u cioe' vettura tal-ghamla Volkswagen Passat bin-nru. ta' registrazzjoni EBC 424, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni jew b' mod perikoluz;

3. Uzajt vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, ghall-uzu tal-vettura minnek, ma kienitx issehh polza t'assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skond id-dispozizjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni.

4. Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek il-kontroll ta' motor-car jew vettura ohra li kienet fit-triq, jew f'post pubbliku iehor meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

5. Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek il-kontroll ta' motor-car jew vettura ohra li kienet fit-triq, jew f'post pubbliku iehor wara li kont ikkunsmajt tant alkoloh li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li kiser kundizzjoni mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr.L. Quintano LL.D nhar it-30/06/2006.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond id-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap.9 tal-Ligjiet ta' Malta kif ukoll tissospendi jew tirrevoka l-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perjodu ta' zmien li jidrilha xierqa.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali datat 8 ta` Marzu 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 7);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment, inkluz dik ta` l-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi dak li rrizulta mill-atti processwali huwa illi fit-8 ta' Dicembru 2006, ghall-habta ta` 17.30hrs, fi Triq l-Avjazzjoni, Gudja, waqt li kien kwazi jekk mhux addirittura gia dalam, sehh incident stradali li fih u bhala konsegwenza tieghu safa mejjet Fadla-Lah Mohammed Ahmed Moh Bahkret, persuna mis-Sudan, li kellu Immigration number 05W165 (ara l-*medico legal post mortem examination report* esebit u mahluf minn Dr. Bridget Ellul fl-istadju ta` l-inkjesta – *The deceased, Fadla-Lah Mohammed Ahmed Moh Bahkret, died of fracture of the cervical spine, with transection of the spinal cord, sustained in a road traffic accident in which he was riding a bicycle*). Dan il-persuna kien ittajjar minn vettura tal-ghamla Volkswagen, numru ta` registrazzjoni EBC 424, misjuqa mill-imputat Eric Zammit. Bhala passiggiera fil-vettura msemmija kien hemm il-*girlfriend* ta` l-imputat Clauzia Caruana.

Il-parti tat-triq fejn sehh l-incident kienet imdawwla, il-wicc tat-triq kien tajjeb u t-triq hija dritta.

Irrizulta li Fadla-Lah Mohammed Ahmed Moh Bahkret kien qed isuq rota fit-triq imsemmija fid-direzzjoni lejn Hal Far. L-imputat kien gej minn warajh, fuq l-istess karreggjata, u laqtu. Gara illi qabel l-impatt, l-imputat jistqarr li huwa effettivament kien osserva lil Fadla-Lah Mohammed Ahmed Moh Bahkret li kien qed isuq ir-rota u li r-rota ma kelliex dawl. Is-sewwieq tar-rota kien mal-genb tat-triq. L-art kienet imxarrba ghax kienet ix-xita; izda t-temp kien car u l-vizibilita` kienet tajba (ara rapport ta` l-espert Mario Buttigieg). F'dan l-incident, il-vettura misjuqa mill-imputat garrbet hsarat kbar fuq quddiem kollu.

Biswit it-triq *de quo*, wiehed isib *service road* propju sabiex tintuza minn *pedestrians* u minn ciklisti. Irrizulta li l-mejjet ma kienx qed juza din is-*service road* izda kien fit-triq principali.

Irrizulta wkoll mill-provi, bl-ghajnuna ta` l-esperti nominati, illi l-fratturi u l-lezjonijiet ikkonstatati fuq il-kadavru ta` Fadla-Lah Mohammed Ahmed Moh Bahkret kienu kompatibbli ma impatt vjolenti (ara rapport ta` l-espert Dr. Mario Scerri). Irrizulta (ara pagna 24 tar-rapport ta` Mario Buttigieg) illi l-imputat laqat lill-vittma meta kien b'velocita` ta` 68kms/hr; velocita` dikjarata bhala moderata mill-espert nominat imsemmi. B'konsegwenza ta` l-impatt, Bahkret u r-rota taru ghal fuq il-vettura u saret hsara fil-windscreen u s-saqaf ta` l-istess vettura. Wara l-impatt il-vettura habtet l-

ewwel mal-crash barrier tal-lemin u mbaghad mal-crash barrier ta` fuq in-naha tax-xellug tat-triq.

Sfortunatament, il-vittma ma kienx qed jaghmel uzu mis-*service road*. Dan bhala fatt igib lill-vittma bhala li kien ikkontribwixxa ghall-incident. **Madanakollu huwa l-fattur tan-nuqqas ta` attenzjoni u t-traskuragni konsegwenzjali ta` l-imputat li ghandhom jitqiesu li kienu l-kawza tal-incident de quo.**

Dan kollu jgib lill-imputat passabbli ghar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni. In oltre, r-rizultanzi processwali jindikaw li mehud kollox flimkien, is-sewqan ta` l-imputat kien wiehed traskurat. Dan igibu passabbli ghar-reat ipottizzat fit-tieni imputazzjoni.

**L-imputat ma kienx allura qed isuq b'galbu tali li seta jevita li jolqot lill-vittma.**

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha sal-grad rikjest mill-ligi tipprova illi fil-mument ta` l-incident u cioe` nhar it-8 ta` Dicembru 2006, l-imputat fl-eta `ta` 20 sena, ghalkemm kellu licenzja tas-sewqan, ma kienx pero` kopert b'polza ta` assigurazzjoni (ara depozizzjoni ta` Josette Bugeja fl-istadju ta` inkjesta u d-dokumenti minnha esebiti – l-*endorsements* li jidhru fuq l-istess dokumenti, fil-kuntest taz-zmien li saru u l-kontenut tad-depozizzjoni taghha, qed jitqiesu minn din il-Qorti bhala *highly suspect*). Il-provi tad-difiza f'dan ir-rigward ma kienux bizzejjed biex ixejjnu l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

Ghal dak li jirrigwarda r-raba (4) imputazzjoni, din il-Qorti hi tal-fehema illi d-dikjarazzjonijiet tax-xhieda mressqa, fosthom l-imputat innifsu, ir-rizultati tal-ezamijiet tossikologici maghmulha u r-rizultati tat-testijiet tan-nifs, ilkoll flimkien jindikaw li l-imputat ghandu jitqies passabbli ghar-reat ipotizzat f'din l-imputazzjoni.

Madanakollu, ghal dak li jirrigwarda l-hames (5) imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mill-ligi. Ir-rizultanzi processwali ma poggewx lil din il-Qorti f'qaghda tali fejn setghet tiddikjara r-reita` skond il-ligi.

**Ikkunsidrat** ;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, fatt li certament huwa pezanti hafna u jinfluwenza enormement lill-Qorti hu t-telfien tal-hajja ta` persuna. Fatt li jhallik bla kliem. Kull vettura hi potenzjalment arma qattiela. Dwar dan ftit li xejn hemm argument.

F'dan il-kuntest ta` sanzjoni, il-Qorti li tkun pero` ma ghandha qatt titlef il-perspettiva reali u fattwali ta` kazijiet bhal dawn u cioe` li hawn si tratta ta` l-involontarju. U ma tistax din il-Qorti ma tqisx fatturi rizultanti, li f'kull kaz ghandu jkollhom *bearing* waqt il-kontemplazzjoni tas-sanzjoni u dwar is-sanzjoni innifisha.

Sfortunatament l-imputat kien ghadu zghir, fl-eta` ta` 20 sena. Ma rrizulta ebda *speed* eccessiv fis-sewqan tieghu. Sfortunatament ukoll, il-vittma ma uzax is-*service road* u ma hemmx indikazzjonijiet li huwa kellu dawl mar-rota. Fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, dawn bhala fatti jimmeritaw attenzjoni.

Din il-Qorti hi tal-fehema illi l-hajja umana m'ghandhiex u qatt ma ghandha tkun ikkonsidrata bhala rhisa. Ma jfissirx pero' li f'kull kaz fejn hemm mewt involuntarju bhala rizultat ta' incident tat-traffiku ghandu tassattivament ikun hemm piena ta' prigunerija, ghaliex kull kaz huwa differenti minn iehor. Jigifieri l-Qorti trid tara jekk jezistix kaz ta` negligenza zghira jew kbira, jekk huwiex kaz ta` sewqan perikoluz minhabba qziez jew qziez zejjed li juri sewwieq fis-sewqan tieghu. Kull kaz allura ghandu verament jigi trattat fuq il-mertu li jisthoqqlu.

Din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` omicidju involontarju (fost ohrajn) kif migjub kontra l-hati huwa serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati ta` dan ir-reat kif migjub kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha pero`, l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Dan huwa parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat ukoll li l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 jista jigi applikat meta Qorti taghti sentenza ta` prigunerija ghal zmien ta` mhux izjed minn sentejn. Din il-Qorti hi tal-fehema u hi sodisfatta, wara li qiset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gia intqal, li ghandha titratta mal-hati permezz ta` sentenza ta` prigunerija izda li din ghandha tkun sospiza skond it-termini tal-istess artikolu tal-ligi. Meqjus dan kollu din il-Qorti tqis li ma hux fl-ahjar interess tal-Gustizzja li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghall-finijiet tat-talba tal-prosekuzzjoni kif maghmulha wara l-hames imputazzjoni, l-Qorti qed tqis is-sentenza esebita in atti a folio 31 u tiddikjara li hija sodisfatta li l-imputat odjern huwa l-istess persuna imputata u misjuba hatja f'dawk il-proceduri konkluzi bis-sentenza tat-30 ta` Gunju 2006.

**Konkluzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 30, 31, 225, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a) u 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta, u l-Artikolu 3(1)(2) tal-Kapitolu 104, issib lill-imputat Eric Zammit mhux hati tal-hames imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi; izda ssibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` sentejn (2) izda, bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta` erba (4) snin mill-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalieh hemm piena ta` prigunerija; flimkien ma multa fis-somma komplessiva ta` tlett elef euro (€3,000)**

**Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Eric Zammit, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**In oltre l-Qorti, peress illi, bis-sahha ta` l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, qed titratta mal-hati ghar-reat li dwaru kienet saret il-kondizzjoni mposta bis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Gunju 2006 (Art.22 Kap 446 ghal sena – ara sentenza esebita a folio 31) – qed tikkundanna wkoll lill-hati Eric Zammit ghal piena tal-multa fis-somma ta` €1,000.**

**Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €218.37 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Dr. M. Sammut (dok MS1), s-somma ta` €218.37 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert Dr. M. Sammut (dok**

**MS2), €175.86 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` PS1184 Patrick Grech, €276 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Mario Scerri, €579.85 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-Perit Valerio Schembri, €843.06 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` l-espert tekniku Mario Buttigieg, €296.86 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Joseph Zammit u €310.38 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-*medico legal post mortem examination*. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.**

**Inoltre, l-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati Eric Zammit ghal perjodu ta' sentejn (2) millum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur